# L-EMIGRANT

Il-grajja taghna sehhet 'l fuq minn mitt sena ilu. Fil-villaggi li nibtu madwar ix-xmara Rhine hafna nies kienu jigu mill-boghod biex isibu xoghol fil-minjieri u fabbriki li jahdmu l-hadid. L-aktar li kienu jemigraw kienu nies mill-Polonja u l-Italja. Dawn ftit kienu jafu bl-ilsien Germaniz u kienu jsibuha difficli li jaddataw ruhhom ghall-hajja f'din l-art gdida. Zaghzagh u rgiel b'sahhithom malajr kienu jsibu xoghol. Minkejja li kienu jahdmu bejn tnax-il siegha u sa anke sittax-il siegha, il-paga ma kienitx isservihom. Ir-renta ghad- djar kienet wahda gholja u vizta ta' tabib kienet tiswa' l-flus.

Jekk missier ta' familja kien jimrad kien jitlef xoghlu u malajr il-guh kien jghakkes dik il-familja. Kien zmien iebes ghal kulhadd, kemm jekk kienu barranin kif ukoll jekk kienu germanizi.

Il-familja Valli li kienet waslet fil-villagg minn Bari, kienet wahda minn dawn il-familji milquta. Jum wiehed f'Novembru, il-missier Pietro gabar il-hobz li hejjitlu martu, xorb malajr il-kafe li ferra' minn stanjata mqieghda fuq in-nar u wara li ta titwila lit-tlett uliedu bniet li kienu ghadhom reqdin, hejja biex johrog halli jmur ghax-xoghol fil-minjiera. Izda waqt li kien ghaddej xi gebel minn cint ta' dar waqa' fuqu minhabba t-toqol ta' silg li kien ghamel matul il-lejl. Haduh lura lejn id-dar mitluf minn sensih u bid-demm hiereg minn rasu. Dam hmistax l-

isptar u ghalkemm deher li fieq mill-gerha li garrab, baqa' qisu miblugh. Ma setghax jitkellem sew. Il-kontijiet ta' l-isptar kienu gholjin u martu Anna nefqet dak kollu li kienu gemmghu matul is-snin. Anna kultant kienet issib xi xoghol ta' hassiela biex b'dak li ddahhal kemm kemm ma jmutux bil-guh, billi l-missier ma giex accettat lura ghax-xoghol.




Anna kienet qieghda tnaddaf quddiem il-bieb ta' barra tad-dar tal-familja Baumiers u minn hemm inzertat ghaddejja mara li spiss kienet tghaddi minn dawk l-inhawi biex tmur tixtri.

Anna sellmitilha, ghalkemm bosta drabi, it-tislim taghha qatt ma gie mwiegeb, forsi minhabba l-fatt li l-gara taghha kienet taraha kerha f'ghajnejha, billi kienet emigranta taljana.

Imma din id-darba l-mara waqfet u wara li sellmitilha, qaltilha: "Fejn kont tghix qabel ma gejt hawn?"

"Bari," wegbitha Anna, "Bari hi tassew pajjiz sabih u ta' storja wkoll."

“Qatt ma smajt biha. Ma jdoqqlix, “ wegbitha l-gara bid-dahqa biex bhallikieku tizzufjetta biha.

“Mela allura inti qatt ma smajt b’San Nikola?” wegbitha Anna pjuttost rrabjata.

“Dan zgur li smajt. Min ma semax b’dan il-qaddis. Kull sena niccelebraw il-festa tieghu. Uliedi huma herqana biex din is-sena jiccelebrawh bil-kbir.”

“Mela biex tkun taf dan il-kbir qaddis hu midfun gewwa Bari. Huwa l-patrun ta’ din il-belt kbira,” qaltilha lura Anna b’sens ta’ kburija. U dak il-hin ghaddhielha minn mohha l-hsieb tal-monument kbir mibni f’gieh dan il-qaddis. U hasset dieqa li ma ghadhiex tghix hemmhekk.

“Mela allura ghidlu biex jghinek lil dan San Nikola tieghek,” qaltilha l-gara biex toffendiha. U kompliet fi triqtha.

Kienet qed taghmel xi xoghol ta’ tindif ghand il-familja Baumiers. Anna kienet thobb tmur hemm. U ghalkemm kienet imhallsa tlett marki ghal kull jum xoghol, s-sinjura Baumiers kienet tatiha xi hwejjeg li wliedha jkunu hargu minnhom. Kultant kienet tordna lill-kok biex jaghtiha xi ikel ghat-tfal ta’ Anna.  Dan ma kienx xi sagrificcju ghal Baumiers billi kienu sid ta’ fabbrika kbira li tipproduci l-birra. Imma ghal Anna kull qatra kienet tghin.

Wara li lestiet it-tindif ta’ barra, Anna dahlet gewwa u bdiet tahsel il-hwejjeg u tkanta bil-vuci gholja u hoxna taghha. Kultant meta kienet thoss in-nuqqas ta’ pajjizha kienet tinfexx

issaffar kanzunetti taljani minn taht l-ilsien.  Klaus Baumaier, iz-zghir tal-familja Baumaier  kien jissahhar jisma' lil Anna tkanta u misthobi wara xi kantuniera tal-gnien kien jitpaxxa bl-lehinha sa ma ttemm il-kanzunetta.

Imma l-lum gie ma' ommu u qaghdu fuq it-tarag tal-kantina fejn Anna kienet tahsel il-hwejjeg. Dak il-hin Anna kienet qed tkanta l-innu talba lil San Nikola u tkantah b'vuci soda u gholja. Ma kienitx indunat bil-prezenza tas-sinjura u binha u meta selmitilha, Anna skuzat ruhha, imma s-sinjura Baumaier wegbitha li ma kellhiex ghalfejn.

"X'inhi din il-kanzunetta hekk melankonuza li kont qed tkanta. Anna?", staqsietha Vjola Baumaier, il-mara ta' sid il-birrerija. Dak kien l-ewwel mument li Anna dahlet f'tahdita mas-sinjura. Anna rrakontatilha fuq zewgha u l-isfortunta li ghaddha minnha, fuq Bari, San Nikola li lilu kienet titlob u ssejjah ghal ghajnuna billi ma kienitx taf fejn ser tati rasha.

Is-sinjura Baumaier bilkemm lissnet kelma. Hassitha xxukjata ghad-destin ta' din il-mara li ghal aktar minn sena  kienet tigi darba fil-gimgha biex tahsel u tnaddaf u li fuqha ma kienet taf xejn hlief li kellha tlett ibniet u vuci hekk qawwija u gholja meta tkanta.

Meta Mrs  Baumaier sarilha l-hin biex titlaq qalet lil Anna: "Ghaziza Anna ma nafx kemm jista' jghinek San Nikola, imma ibqa' zgura li jiena ser nara kif ahna nistghu nghinuk."

Dak inhar Anna marret ferhana d-dar. Fil-but kellha it-tlett marki bhala hlas tax-xoghol taghha, u borma soppa shuna li l-kok kien taha mgezwra go sarvetta.  Imma mhux dan kollu li ghamel ferhana lil Anna.  Kienu l-ahhar kelmiet ta' Mrs. Baunaier li qanqlu tama kbira fiha. : "Ghaziza Anna ma nafx kemm jista' jghinek San Nikola, imma ibqa' zgura li jiena ser nara kif ahna nistghu nghinuk."

Ghaddew xi jiem u anqas biss semghet aktar minghand Mrs. Baumaier. Forsi Mrs. Baumaier insietha billi kellha hafna impenji tal-Milied fuq mohha. Wara kollox mhux biss hi kienet fil-bzonn.

Wasal il-jum tas-6 ta' Dicembru. Sa milli jistghu jiftakru il –Baumaiers dejjem iccelebraw il-festa ta' San Nikola fid-dar taghhom flimkien mal-familjari taghhom. Kien hemm il-Kuppers li kienu sidien tal-fabbrika ta' l-injam u anke Daniels li kienu sidien ta' tnax-il vapur gejjin u sejrin fuq ix-xmara Rhine. Anke in-nanniet ma kienux jaqtghu qalbhom jivvjagaw hafna mili biex jghaddu dan il-jum tradizzjonali fil-Germanja ma' uliedhom u n-neputijiet taghhom. Imma l-quccata tac-celebrazzjoni kienet iz-zjara li kien jaghmel il-qaddis San Nikola liebes ta' isqof, li minn xkora kien johrog hafna u hafna rigali biex iqassamhom lit-tfal. Bhal snin qabel, iz-ziju Kuppers kien jilghabha ta' San Nikola. Imma dak in-nhar grat xi haga li bhala qatt ma grat. Klaus it-tifel iz-zghir tal-familja Baunaiers ghamel mistoqsija lil San Nikola.

"Inti tafha lil Anna  Valli?" saqsieh it-tifel.

“Il-familja Valli?” saqsa lilu nnifsu konfuz San Nikola.

“Iva gew minn Bari fejn hemm il-qabar tieghek. Bilfors li tafhom.”

Mrs. Baumaier griet biex tatih daqqa t’id. “Ghaziz ibni, San Nikola jigi ghand kull familja li ghandha t-tfal u anke ghand il-Valli jmur.”

Imma Klaus ma kienx sodisfatt. Fl-interval San Nikola kien qed iqalleb il-ktieb.

“Da zgur, da zgur li nafhom. Imma ma nistax insib isimhom f’dan il-ktieb oxhon li ghandi. Forsi tista’ tghidli xi haga fuqhom inti. Jaqaw insultawk jew sawtuk?”

“Le le le,” qallu t-tifel. U kollu energija t-tifel irrakonta dak kollu li kien sema’ u ra meta kien ma’ ommu. Meta spicca l-grajja tieghu, San Nikola qallu: “Issa halli nghidlek storja jiena.”

“Meta kont isqof ta’ Myra fit-Turkija kien hemm tlett tfajliet jghixu wahedhom go gharix fit-tarf tal-belt. Kienu fqar hafna u jiena gbart xi flus minghand hbiebi biex naghtihomlhom. Mort fid-dar taghhom lejla wahda. Huma kienu haslu l-kalzetti u dendluhom biex jinxfu. Jiena poggejtilhom il-flus tad-deheb fil-kalzetti li kienu imdendla ma’ habel ta’ l-inxir. It-tfajliet kienu bil-ghaqal ghax uzawhom bis-sens u ma nefquhomx ghal xejn b’xejn jew bl-addocc. Huwa waqqfu negozju fil-belt li kien jirrendilhom bizzejjed flus biex jghixu. U huwa ghalhekk li t-

tfal idendlu il-kalzetti fil-festa ta' San Nikola bit-tama li dan il-qaddis ippoggilhom xi haga."

"Imma kif ser tghin lil Valli?" staqsa it-tifel.

"Jiena?" wiegbu San Nikola," Ismek mhux ukoll huwa Nikola jew Klaus? U jiena ma wrejtikx kemm-il darba kif ghandek tghin lil min hu fil-bzonn?"

Anqas lahaq telaq San Nikola  li t-tifel ma marx fil-kamra tieghu, gab il-karus tal-porcellana u b'daqqa ta' martell ghamlu frak.  In-nannu u n-nanna, iz-zija Küppers u z-ziju Daniels flimkien ma' Mr Baumaier u martu ziedu mal-kollezzjoni fuq il-mejda, kollezzjoni li kienet tlellex bil-bicciet tad-deheb.

Meta z-ziju Kippers rega' dahal fil-kamra, t-tfal kienu diga' marru jorqdu u waqt li kien hosbien, u Mr Baumaier gab flixkun imbid tajjeb mill-kantina, in-nannu qallu:" Illum Klaus iz-zghir kien ghoddu fixklek."

"Bli gbarna ghandna bizzejjed biex nghinu lil Valli tmur lura lejn Bari u  tkompli hajjitha hemm.  Imma ma ninsewx li hawn hafna Valli fil-pajjiz, hafna aktar milli nahsbu u rridu nistaqsu lilna nfusna jekk is-sitwazzjoni ghandhiex tibqa' kif inhi." Dik il-lejla kien hemm hafna diskussjoni u argumenti fuq il-guh u l-ghaks, il-faqar u l-gustizzja.

Jinghad li dik il-lejla kien hemm terremot gewwa l-belt ta' Bari.  L-art iccaqalqet bizzejjed biex in-nies jghidu: San Nikola tmattar fil-qabar tieghu." S'intendi ghall-ferh li gab lill-familja Valli u ohrajn fl-istess sitwazzjoni taghha.